TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 125/12/GB

**Dennis Gili**

**vs**

**John Meli ezercenti l-kummerc bhala DigitalZone**

Illum 25 ta' Settembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-21 ta' Mejju, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mija hamsa u ghoxrin Ewro (€525.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal televixin li nxtara minghand l-intimat, liema televixin kien difettuz.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fil-31 ta' Mejju 2011, huwa kien xtara televixin minghand l-intimat. Kienu hadulu t-televixin id-dar pero' ma qabduhx ghaliex qalu li ma kienux jafu kif. Ghalhekk, kif telqu, l-intimat qabbdu hu stess fejn induna li beda jaghmel hoss.

L-intimat mar il-hanut fejn ilmenta dwar il-problema. L-intimat qallu li t-televixin kien qed jaghmel dak il-hoss ghaliex kien qieghed vicin tal-hajt jew ghaliex ir-rikorrent kellu hafna umidita'. Pero' r-rikorrent baqa' jsostni illi minn dan kollu ma hemm xejn. It-tieni darba li r-rikorrent mar il-hanut ta' l-intimat, l-intimat qallu li jista' jkun li kellu d-

decoder hazin jew il-wire tal-ariel hazin. It-tielet darba li r-rikorrent mar il-hanut, l-intimat qallu li jista' jkun li kien hemm xi short circuit fid-dawl, pero' r-rikorrent ma sab xejn hazin.

Wara disgha xhur mar il-panel tat-televixin, u ghalehkk ir-rikorrent rega' mar il-hanut fejn informa lill-intimat li t-televixin kellu l-hsara. L-impjegati ta' l-intimat kienu marru ghand ir-rikorrent, minn fejn hadu t-televixin bil-hsara u hadu televixin iehor biex jinqeda (li fih kien jinstema hoss ikbar minn li kellu).

Ghaddew xi xahrejn ohra u hadulu lura t-televixin bil-panel irrangat, pero' l-hoss baqa' l-istess.

Ir-rikorrent ezebixxa r-ricevuta ghall-ammont ta' hames mija hamsa u ghoxrin Ewro (€525.00), flimkien ma' kopja tal-garanzija.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent xtara sett tat-televixin fil-31 ta' Mejju 2011. Il-prezz li bih inxtara dan it-televixin ma kienx jinkludi installazzjoni u delivery, izda peress li r-rikorrent wera li ma xtaqx igorru hu ghax it-televixin ma kienx wiehed zghir, l-intimat wassallu s-sett tat-televixin sad-dar, minghajr hlas addizzjonali.

Ir-rikorrent kien ilmenta dwar xi hoss irqieq fit-televixin hekk kif xtrah u l-intimat kien attribwixxi dan il-hoss irqieq kawza ta' xi umdita' hekk kif hemm spjegat fl-owners manual u tinsab ukoll fis-sitt elettroniku tad-ditta tat-televixin.

L-intimat ma sema' xejn iktar mir-rikorrent ghal hdax-il xahar, sakemm dan is-sett inqalalu l-hsara fit-12 ta' April 2012. Il-hsara kienet tikkonsisti f'linja fuq l-iskreen. L-intimat kien ta televixin iehor lir-rikorrent sabiex jinqeda, u f'dan ukoll beda jisma hoss. Ghaldaqstant l-intimat beda jahseb li seta' kien hemm xi haga min-naha tar-rikorrent li kienet qed tikkaguna xi tip ta' interference ghax kienet wisq improbabbli li zewg settijiet ta' marka differenti ikollhom xi hoss li fl-ahhar mill-ahhar kien jinstema biss meta taghmel widnejk mas-sett u bil-volum maghluq.

Wara li gie ezaminat it-televixin tar-rikorrent fil-workshop, gie stabbilit li kellu hsara fil-panel u ried jinbidel il-panel. Il-funzjonijiet l-ohra tat-televixin ma kellhom l-ebda hsara u fuq kollox il-hoss li kien jisma' r-rikorrent ma kienx jinstema' ghajr hoss irqieq normali li jkollu televixin li jinstema' biss bil-volum maghluq u jekk taghmel widnejk mieghu. Meta r-rikorrent mar il-hanut ghaliex l-intimat qallu li ma kienx qed jisma' hsejjes li mhux tas-soltu, lanqas ir-rikorrent ma sema' xejn, fejn qal li fil-hanut ma kienx hemm hemda bixxejjed.

Il-kuntratt li l-intimat ghandu mas-supplier hu tali li f'kaz ta' tibdil ta' panel, is-sett jintbghat barra u dan ghamel hekk naturalment a spejjez tieghu. Is-supplier bidel il-panel ma' wiehed gdid u kif normalment isir, is-sett gie ccekjat li jahdem sewwa u ntbaghat lura. Il-garanzija ttawlet ghaz-zmien li r-rikorrent kellu s-sett tieghu bil-hsara.

Meta l-intimat ha s-sett ghand ir-rikorrent, dan pogga widnejh fuq wara tas-sett u rega' lmenta li l-hoss kien baqa' hemm. Ir-rikorrent mar il-hanut u talab sabiex is-sales manager imur ghandu filghaxija sabiex jisma' l-hoss li jilmenta dwaru. Is-sett gie ssetjat ghal optimum sound u energy levels u dak il-hin ir-rikorrent deher sodisfatt hafna.

L-ghada r-rikorrent rega' mar il-hanut jilmenta mill-hoss, li fil-fehma ta' l-intimat ma kenitx ghajr skuza sabiex jinbidel it-televixin.

L-intimat ma jhossx li t-talba tar-rikorrent ghandha tigi milqugha ghal dawn ir-ragunijiet imsemmija.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa regga' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata ta' l-intimat, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxa dokument, li gie mmarkat bhala Dok.JM6.

It-Tribunal appunta lil Ingineer Mario Galea, bhala espert tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post u jirrelata fuq l-ilment tar-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha u tar-relazzjoni piuttost inkonklussiv tal-Espert Tekniku Ing Mario Galea, fejn fl-osservazzjonijiet tieghu huwa rrileva illi: *"The noise emitted is barely perceptible however the constant hum is annoying the client"* u fil-konkluzjonijiet tieghu huwa rrileva illi: *"From the observations carried out on the television set it still could not be determined if the television set was actually malfunctioning or not..."*, it-Tribunal josserva li l-intimat ghamel dak kollha sabiex jaghti servizz mill-ahjar lir-rikorrent, u josserva wkoll illi ma ngabet l-ebda prova konkreta li t-televixin in kwistjoni huwa fil-fatt

difettuz. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ipejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**